# OLIVER FRIGGIERI: WIRT ĠENSNA!

Jekk hawn bniedem Malti li jgħix f'pajjiż barrani, li tabilħaqq ħabb, irrispetta u baqa' jagħti ġieħ lill-Professur OLIVER FRIGGIERI, dan bla dubju hu Rigu Bovingdon. F'korrispondenza li kelli miegħu permezz tal-internet, wara li Dr. Charles Xuereb tkellem miegħu fuq il-paġni tiegħi fil-***KullĦadd***, Rigu wera x-xewqa li f'dawn il-paġni tiegħi juri r-rispett li minn dejjem kellu lejn dan il-Malti, Oliver Friggieri, li l-kburija ma kinitx tagħmel bih u li ħajtu ddedikaha biex tabilħaqq jgħallem il-lingwa Maltija lil kull min xtaq ikun jafha sew. Din hi l-intervista li slitt mingħand Rigu, mill-Awstralja.

Minn **CHARLES B. SPITERI**



**Iżda min hu Roderick Bovingdon, jew aħjar Rigu?**

Twelidt f'Ħ'Attard. Fl-1942 emigrajt mal-familja tiegħi. Il-Malti bqajt nistudjah, tant li sirt awtur ta' numru ta' kotba bil-Malti. Ikkomponejt kanzunetti Maltin u fl-Awstralja ħriġt l-ewwel kanzunetta, li għalkemm b'mużika tal-għana tradizzjonali, intużaw il-kitarri elettroniċi.

**Allura, x'tifkiriet għandek tal-Professur Oliver Friggieri?**

Niftakar li kienet is-sena 1994, sewwasew ix-xahar ta' Ottubru. Attendejt għall-ewwel lezzjoni tal-kors ta' erba' snin għall-B.A bl-Unuri fil-Malti, dritt mill-Awstralja. Ħabbatt fuq il-bieb tal-klassi mballata bl-istudenti li minnhom ma kont naf lil ħadd.

"Għaddi Rigu" qalli l-Profs. Oliver Friggieri bl-akbar ħrara. "Ersqulu ftit ħa jpoġġi magħkom. Tafu min hu dan ir-raġel? Ċapċpulu għax jixraqlu merħba ta' Malti uniku li jgħix barra..." Daqshekk niftakar milli kien qal il-profs dakinhar. Ħakmitni taħwida ta' mistħija mħallta ma' għadd ta' ħbiberiji ġodda fost dik it-tajfa studenti. – Laqgħa li qatt ma stennejtha!

**Jiġifieri kellu stima kbira lejk?**

Iva, għaraft li kellu jkun ħabib kbir tiegħi u dejjem hekk stmani l-mibki Oliver Friggieri. Qisni qed narah issa, ifur bilferħ mal-iċken aħbar tajba; fl-istess ħin kien jimxi rett u sod fejn jilmaħ il-ħtieġa li jiġbidlek ir-riedni bla ma jweġġa', bla ma joffendi iżda dejjem b'sens ta' rispett.

**Kif tħares lejn Oliver Friggieri bħala studjuż?**

Kien l-akbar privileġġ għalija li dan il-għaref ħassieb, poeta par excellence, kritiku letterarju u soċjali u fuq kollox mexxej tan-nazzjon Malti, fetaħli tieqa għall-qalb ġeneruża tiegħu, fejn baqa' jżommni b'għożża kbira salaħħar.

Mhux lili biss, iżda lill-poplu kollu Malti, tant li fl-għanja tiegħu Lil Art Twelidna hekk għanna l-poeta Oliver: Agħtuna Malta ġdida/ li ma tixjieħx mas-snin./ Agħtuna ż-żmien ħa nibnu/ lil Malta tal-Maltin. Dan ir-ritornell fis-sempliċità apparenti tiegħu jixhed ċarament id-dedika ad vitam li l-poeta baqa' jgħanni bi ħrara u b'passjoni għall-maħbuba Malta tiegħu.

F'waqt ieħor aktar ħiemed u ta' riflessjoni fil-poeżija famuża tiegħu *Jekk*, huwa jsaqsi mitt ħaġa u jistieden lilek twieġeb: jekk taf kif kien il-bidu/ u kif se jkun ittmiem/ jekk taf kull fuq, kull isfel/ kull wara, kull quddiem... u il-petali tal-warda/ waqgħulek minn idejk,/ dan l-univers itektek/ inqasam hemm f'riġlejk...

Fil-versi għarfa ta' dan il-bniedem Malti li warajh ġibed il-ġens tagħna kollu, għal min jirrifletti fil-kwiet fuq il-qofol mislut fi kliemu, ma jdumx ma jinduna bil-qawwa li tinsab fil-kelma Maltija f'idejn mgħallem tal-vuċi tal-poplu.

**X'nisslet fik it-telfa ta' dan il-professur Malti tant maħbub?**

Ħassejt it-telfa ta' iben għażiż, tabilħaqq Malti. B'mewtu, ilġens kollu Malti sar il-werriet għani ta' għerf u għaqal, ta' tjubija u umiltà liema bħalhom. Ngħid għalija appena waslitli l-aħbar ta' diqa li dan il-kbir ħabib tal-Maltin kien ħalliena, għalkemm mistennija, ħassejtni li nqtajt minn ma' ruħi. Indunajt minnufih illi l-blata, it-tarka, il-ħeġġa u kulma jfisser fil-fehma tiegħi li tkun Malti – uniku fost ilġnus – kien miġbur fix-xbieha tal-wisq maħbub Oliver Friggieri.

Inħoss ġewwa l-kurituri ta' moħħi u fit-tbaqbiq ta' qalbi li l-ebda aġġettiv ta' foħrija għal dan l-individwu Malti uniku mhu sejjer ikopri r-rikkezza u l-qofol tal-kobor tiegħu. Lill-għażiż Oliver, li weġġaħni bl-ikbar unur meta daħħalni f'qalbu b'ħabibu fejn żammni sal-aħħar nifs ta' ħajtu, inqisu b'ħabib ġenwin u sinċier.



Oliver Friggieri fin-nofs ma' Rigu Bovingdon (bil-kappell) u ħabib ieħor tagħhom

**Sa fejn kienet twassal il-ħbiberija tagħkom?**

Ngħidlek din u nsemmiha biss nagħli. Għax darba, meta jiena ssottomettejtlu ismu lill-Kumitat tal-Premju Nobel għal-Letteratura (Svenska Akademiens Nobelkommitté) fi Stokkolma f'Marzu tas-sena 2004, ma rnexxilix inrebbħu din id-distinzjoni mondjali! Iżda xorta ngħożż is-sodisfazzjon personali li Oliver innifsu kien tassew ferħan u mweġġaħ b'dan it-tentattiv biex inpoġġih fl-ogħla oqsma fost l-għorrief tal-umanità.

Kemm xtaqt li kont Malta sabiex f'dak il-mument hekk kommoventi, kont inkun mal-folol kbar ta' segwaċi tiegħu sabiex inrodd l-ogħla ġieħ mistħoqq lilu minn din il-qalb sogħbiena u fl-istess ħin grata ta' dik it-tjubija kollha li writt mingħand dan il-maħbub ħabib tal-Maltin li kien u dejjem jibqa' Oliver.

**Bqajtu żżommu kuntatt minkejja 'l bogħod tal-ibħra li kien hawn bejnietkom?**

Konna nikkomunikaw mhux ħażin. Fil-fatt, bqajt inżomm kopja tal-aħħar ittra li ktibtlu u li ġġib id-data tad-19 ta' Ottubru 2019. Taqra hekk:

"O Wisq Għażiż Oliver,

Kemm ħabbtet fi żmienha dik il-qalb tenera tiegħek! Tenera għal għajrek il-Malti (il-Malti t-tajjeb); għall-Malti l-kolt (dak l-individwu fin li jaf japprezza; li jaf iħobb, jagħder, jgħożż u li jifhem il-qalb vera Maltija). Int li għarrixt u fannadt f'qiegħ ġuf niesek; in-nisel Malti! Iben dik l-art ċkejkna; dik l-art kbira!

Għalkemm inti li tinsab magħtub taħt salibek, b'dik il-marda tant kiefra li ħafnitek fi fjur ħajtek, xorta waħda, asaħħ minni, għandek il-faraġ li taf li qalbek, ġismek, ruħek għad ilkoll jitgħannqu għal dejjem ġewwa dik l-art

għażiża fis-sikta u l-kalma tat-thanatos fejn jinsabu l-għeżież missierek u ommok. (Il-bikja ta' Pascoli u tabilħaqq ta' Laurent Ropà ukoll li baqa' ħajtu kollha jixher għall-għażiża ommu li kellha tindifen f'art għariba fl-Alġerija).

Jien u kull min infatam minn dik l-omm-pajjiż u li jħoss bħali – il-firda, l-eżilju, it-trawma, is-sentenza (il-cada tal-*Kantilena*) – jaf li xi darba jrid jissikket taħt għatu frustier ġo ħofra ta' art għariba; minn ħadd magħruf; minn kulħadd minsi!

O kemm hi qarsa d-dewqa ta' dak il-mument ewlieni li naf li għad irrid inġarrab; imbiegħed minn kulma qatt ħabbejt u għożżejt u għannaqt bl-ikbar għaxqa ġenwina u sinċiera! (Ara l-versi tiegħi *Irrid Ħ'Attard Nindifen* li jinsabu fid-damma *Aporija Mill-Ġdid*).

Ħadd! Ħadd! Ħadd! ma jifhem jew jaf jew jagħraf il-weġgħa!

Jien li ħabbejt lil Malta dejjem u f'kollox ġejt imgħajjar minn xi għorrief tal-Malti -- faċċol u ipokrita! Dan kollu għax esprimejt il-valutazzjoni tiegħi tal-kapaċità dgħajfa, jew aħjar tal-inkapaċità ta' dawk l-individwi. Ma kienx ħaqq fieragħ tiegħi! Kienet espressjoni ġenwina ta' infiskar, ta' frustrazzjoni li fl-aħħar. ġegħlitni nisfoga l-għajta mugugħa tiegħi.

Għax wara li ssagrifikajt erba' snin minn ħajti, mifrud mill-għażiża familja tiegħi; marti u ż-żewġ uliedi fl-Awstralja u jien waħdi f'Malta għal dak il-perjodu twil - fi tmiem il-kors fil-Lingwistika Maltija (mhux le fil-Letteratura taħt it-tmexxija għaqlija tiegħek Oliver), bqajt ma ħriġtx sodisfatt bin-nuqqas ta' speċjalizzazzjoni akkademika fil-linja tagħhom, li jiena stennejt minn għerfhom u minn tagħrifhom. Dan baqa' ma safalix!

**Dawn huma l-kolonni l-ġodda tan-nazzjon Malti?**

Saħħa għal dejjem jiena ngħajjat lil dan l-għeżeż ideal Malti tiegħi! L-ideal li jiena kont rawwimt fija nnifsi wara snin twal ta' turufnament u ħlim! Saħħa li talli stmajtek ja ideal u emmint fik, ikkultivajtek u xandartek, kelli nġarrab din il-kundanna hekk kiefra, hekk selvaġġa, hekk ħarxa u mhux misthoqqa. Il-viltà fl-egoiżmu sfrenat ta' min tkabbar bih innifsu!

Bi ktiebek *Dun Karm Le Poesie Italiane* f'idejja għażiż Oliver, waqt li ngħarrex fil-versi ħelwin tal-poeta ċelebri tal-Maltin, tlanġas demgħa kiebja ma' ħaddejja fl-għaxqa ta' versih, versi li ironikament tefgħuni f'din



Rigu jidher jippreżenta l-Kantilena lil Frank Delia

il-belliegħa ta' *niket* il-qalb, għax waqt li l-Poeta ħabb u gawda sal-aħħar, nagħraf li jiena qatt mhu se jkolli s-sodisfazzjon ingawdi bħalma eventwalment se tgawdi int u kull min bħalek ma nfatamx mill-mamma tiegħu, Malta. Dan il-punt naħseb li ftit huma dawk f'Malta li japprezzawh aħseb u ara kemm jirriflettu fuqu.

Rigu Bovingdon"

Nota Bene – Din l-ittra, sa fejn irnexxieli nikkalkula jien, hi l-aħħar korrispondenza li bgħatt bl-email lill-wisq għażiż ħabibi Oliver Friggieri. Fiha, għal min jinteressah, hemm riflessjoni tiegħi, stimulata mill-qagħda prekarja f'saħħet Oliver, li hu almenu għandu l-fortuna li m'għandix jien u qatt mhu se jkolli (jekk ma ninzertax immut xi darba waqt li nkun f'xi żjara tiegħi f'Malta, pajjiżi), li hu sejjer eventwalment meta jasal il-waqt tiegħu, jindifen fil-ġuf tal-pajjiż li tant ħabb u rrispetta!

Mhux kull min siefer b'immigrazzjoni bħali jgħaddi minn din l-esperjenza qarsa u tant ħarxa. Lanqas dawk li jħossuha ma jġarrbuha lkoll bl-istess intensità.

Mela dan il-messaġġ lil Oliver mingħandi kien intenzjonat li jservih b'sens ta' mogħdrija mħallta ma' ċertu faraġ li jien, imbiegħed minn pajjiż trobbiti se nibqa' sal-aħħar nifs ta' ħajti mikrum biex nispiċċa għomri mgħannaq fi ħdan, fil-camposanto li kiteb tant tajjeb dwarha Carducci f'*Il Giorno Dei Morti!* Hekk ukoll ħass Laurent Ropà għall-għażiża ommu li mietet qasir il-għomor fl-Alġerija fejn tinsab midfuna; pajjiż mhux biss barrani u mbiegħed minn art twelidha iżda saħansitra pajjiż mhux Nisrani!

Din hija x-xorti qarsa taċ-ċittadin devot, leali, patrijott, kburi sal-aħħar nett bl-identità unika Maltija tiegħu!

**Rigu, apparti t-telfa ta' Oliver Friggieri, fl-Awstralja kellek telfa oħra... dik tar-radju, hux hekk?**

Tassew, għax is-sena 2020, għall-Maltin tal-Awstralja, l-aktar dawk ta' Sydney finnaħat 'il barra miċ-ċentru tal-belt, sofrew daqqa ta' ħarta bl-għeluq tar-radju Malti SydneyOne Radio. Id-direttur u preżentatur tal-programmi, is-Sur Frank Delia ħass li wara 20 sena servizz volontarju lill-komunità Maltija kellu jirtira minn din il-kariga għal raġunijiet ta' saħħa.

Hu ta' min isemmi li dan ir-radju li kien jasal għand bosta familji Maltin f'Sydney, iżda wkoll fi bnadi diversi fl-Awstralja u barra l-pajjiż ukoll permezz tal-internet, kien jaqdi servizz l-aktar utli b'mod speċjali lil dawk il-Maltin ta' età avvanzata. Dawn in-nies ħafna minnhom ma jużawx il-mezzi moderni diġitali tal-internet. Ħafna minnhom ukoll huma romol u b'hekk aktarx jgħixu weħedhom fid-dar mingħajr il-kumpanija ta' ħadd iktar għajr is-solliev li kien iwassilhom ir-radju tas-SydneyOne.

**Kif tista' tgħid li l-Maltin tal-Awstralja ntlaqtu bl-għeluq tal-istazzjon?**

B'dan l-għeluq ta' stazzjon tax-xandir Malti, dik is-sezzjoni kbira tal-poplu milqut, sfat aktar iżolata milli qatt kienet qabel, għaliex Frank Delia, id-Direttur, kien iwassilhom ukoll diversi programmi f'kollegamenti ma' Radju Malta tal-PBS u ma' diversi stazzjonijiet Maltin oħrajn.

Issa f'salt wieħed dan kollu spiċċalhom u ġew lampa stampa fix-xandir Malti. Is-Sur Delia għamel l-almu tiegħu kollu biex jipprova jħajjar lil ħaddieħor jieħu r-radju f'idejh iżda ħadd ma nqala' għal din il-biċċa intrigu ta' impenn u ta' responsabbiltà kbira! Is-soltu storja! Daqshekk jasal l-impenn patrijottiku ta' ġensna! Dment li hemm il-pekunja (flus) jew xi ċans għall-avvanz egoistiku tal-individwu, kulħadd patrijott.

Mank l-istess kantanti Maltin Awstraljani rinomati m'għadhom jinstemgħu la hawnhekk fl-Awstralja u lanqas f'Malta. Il-gazzetta popolari *The Maltese Herald* ilha li għabet mix-xena wkoll u naqra naqra anke r-radju nazzjonali SBS tal-Gvern qiegħed inin bil-mod il-mod.

Għal din l-okkażjoni ta' swied il-qalb, ta' sogħba nazzjonali, b'turija ta' apprezzament għas-servizz twil u leali lejn is-Sur Frank Delia, ħsibt li nippreżentalu gwarnic b'kopja faksimile tal-*Kantilena* ta' Pietru Caxaru; l-aktar dokument letterarju Malti antik li jippossjedi n-nazzjon Malti!

Din id-drawwa bdejtha xi snin ilu sabiex waqt li b'hekk inrodd ir-rispett xieraq lil dak li jkun, fl-istess ħin, din l-għotja tkun isservi ta' pubbliċità xierqa u denja ta' din l-ikona nazzjonali.

**Jiġifieri ilek tqassam kopji tal-*Kantilena*?**

Riċevituri ta' dan ir-rigal ta' preġju għoli li qassamt s'issa, jinkludu lill-Konsolat Malti ta' Sydney, lill-Editur ta' *The Maltese Herald*, lill-klabb soċjali Malti ta' Sydney La Vallette u numru ta' individwi oħrajn li taw xi kontribut lill-kultura Maltija fl-Awstralja.

Tkun drawwa wisq sabiħa li kieku xi organizzazzjoni f'Malta stess tieħu l-impronta minn din l-użanza kommendabbli tiegħi u tibda hija wkoll ixxerred din il-*Kantilena* fost il-poplu tagħna; xejn xejn tkun qiegħda tgħallmu japprezza dejjem aktar il-patrimonju tagħna l-Maltin.

Mhux ta' b'xejn mela li f'din l-art kbira fejn mijiet ta' nazzjonijiet ġew jgħammru flimkien, aħna l-Maltin dejjem niġu mirfusa! Bħalma dejjem għedt jiena fl-imgħoddi u nibqa' nsostniha: il-marda minn pajjiżna stess ġejja! Għax jekk aħna l-Maltin aħna tant bravi, kif jista' jkun li l-barranin jirrispettawna meta aħna stess (jew kwantità kbira fostna) ma nirrispettawx lid-drawwiet u lill-ilsien għani, antik u sabiħ tagħna?

Imissna nafu wisq aħjar minn hekk, għax l-istess filosofija Maltija tgħidilna fil-qawl antik tagħna "Ħadd ma jgħidlek taħsel wiċċek biex tkun aħjar minnu"!

**"Kien l-akbar privileġġ għalija li dan il-għaref ħassieb, poeta par excellence, kritiku letterarju u soċjali u fuq kollox mexxej tan-nazzjon Malti, fetaħli tieqa għall-qalb ġeneruża tiegħu, fejn baqa' jżommni b'għożża kbira sal-aħħar**